MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14

Il-Ħamis, 11 ta' Ġunju, 2020

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' permezz ta' Microsoft Teams meeting fil-17:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
Ġorġ Camilleri – Kunsillier

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 14.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

14.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

14.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 14.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

14.2.1 Is-Sindku ta merħba lis-SE għall-ewwel laqgħa tagħha wara t-tmiem tal-*maternity leave* u ferħilha għat-tieni tarbija tagħha. Is-SE qalet li tapprezza l-merħba u motivata biex tkompli l-ħidma tagħha fil-Kunsill.

14.2.2 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi dawk li taw is-servizz tall-korsjiet li pprovdejna *online* tul il-pandemija tal-Covid-19, hemm il-pagament tagħhom rifless fl-iskeda ta pagamenti. Is-Sindku fakkar li dawn kienu parti mill-iskema tal-Librerija SPI 10/19. Il-Kunsill qabel approva unanimament.

14.2.3 Is-Sindku qal li illum waslet il-karozza tal-elettriku u wara pariri rigwad l-insurance, saret full coverage. Is-Sindku qal li l-pjanċi saru: SLZ 010. Is-Sindku kompla jgħid li qed nieħdu pariri mill-kumpanija Cosyra Legal sabiex jiġu ifformulati l-kuntratti għall-għaqdiet sabiex ikunu jistgħu jutilizzaw il-karozza. Qed isiru ukoll arranġamenti mal-Ministru Ian Borg biex issir l-inawgurazzjoni tal-proġett. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.2.4 Is-Sindku qal li kellem lill-electrician Daniel Micallef sabiex jagħmel *charging station* wara l-monument ta' Dun Salv Portelli. Il-Kunsillier George Camilleri qal li jaqbel dment li jkun hemm aċċess tajjeb għac-charging unit. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.2.5 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mar-rappreżentant tal-Ministeru għall-Għawdex fejn qalulu li l-Ministeru se jiffinanzja l-cameras tad-Dwejra. Is-Sindku qal li lill-Ministeru talabhom li jkun hemm camera oħra ħdejn iċ-ċimiterju sabiex jekk xi ħadd ma jintarafx isfel, ikun hemm footage ieħor minn ħdejn iċ-ċimiterju ukoll. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill qed joffri sabiex mill-generator tad-Dwejra jiġu *powered* il-batteries li jagħtu enerġija lill-istess cameras pero wara li sar l-istħarriġ neċessarju, post għall-batteries m'hemmx fil-kaxxa tal-Generator allura is-Sindku għamel talba lill-kappillan sabiex nużaw il-bejt tal-Kappella ta' Sant Anna, kemm għall-cameras u anke pannelli ġodda. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.2.6 Is-SE qal li fl-iskeda ta' pagamenti hemm pagament lill-parroċċa rigward l-event 'Celebration of Dance' fejn dan kien proġett li applika għalih l-Kunsill u tqabbdet il-parroċċa sabiex jieħdu ħsieb itellgħu l-event. L-istess ammont ta flus li għaddejna lill-parroċċa diġa daħal fl-account tal-Kunsill mill-iskema. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.2.7 Is-SE qalet li ġabet technician sabiex jirranġa wieħed mill-A/C li hemm fl-uffiċċju pero qalila li ma jitranġax. Hi infurmat lil Kunsill li peress diġa bdiet sħana qawwija se tordna A/C ġdid minnufih. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.2.8 Is-SE fakkret fl-iskeda ta' skart għal matul ix-xhur tas-sajf u saqsiet min meta ser nibdew il-ġabra addizzjonali tas-sibtijiet. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex tibda mis-sibt li ġej jew l-iktar kmieni li possibli għall-kuntrattur.

14.2.9 Is-SE ressqet email mingħand ir-Reġjun t'Għawdex fejn talbu lil dawk il-Kunsilli kollha li għandhom interess li ningħaqdu mar-Reġjun sabiex isir ġbir ta' skart riċiklabbli. Il-Kunsill qabel unanimament li qed nuru interess.

14.2.10 Is-SE ressqet email mingħand ir-Reġjun Għawdex fejn ħarġu proposta reġjonali għall-*Contracts Manager u Preventative & Routine Maintenance Contractor responsabbli mid-Decorative Lights u Dwal ieħor.* Is-Sindku qal li l-ideal li kieku għandna l-finanzji biżejjed sabiex noħorġu s-sejħa għalina pero dan mhux il-każ. Il-Kunsill qabel unanimament li noħorġu s-sejħa mar-Reġjun.

14.2.11 Is-SE ressqet email mingħand Petia Zasheva li qed tikkoordina programm ma' pajjiżi diversi fejn ser jitella Lace Festival online f'Settembru. Is-Sindku ppropona li bħala Kunsill nistiednu xi residenti li għandhom talent tajjeb ħafna fil-bizzilla u nkunu parti min dan il-festival. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

14.3.1 Il-Kunsillier George Camilleri saqsa għalfejn il-bins tal-bring in sites għadhom ma twaħħlux. Is-Sindku qal li kontinwament qed isegwi u jiġri wara l-kuntrattur li infurmah li minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija kien hemm ħafna dewmien u anke tibdil tal-manufattur. Bħalissa qed jinħadmu Spajna u l-kuntrattur tal-JGC qal li l-bins għandhom jaslu San Lawrenz f' Lulju.

14.3.2 Il-Kunsillier Carmela Grima saqsiet x'hemm bżonn isir min naħa tagħha rigward ir-rapport amministrattiv. Is-SE spjegat lill-kunsillier.

## 14.4 Tender tal-Green Initiative

14.3.1 Is-Sindku qal li hu flimkien mas-SE daqt ser jiffirmaw sabiex jirċievi fondi ta €20,000 sabiex iwettaq il-proġett li applikajna għalih. Is-Sindku qal li ra li din is-somma ser tinkludi l-ispejjeż kollha inkluż l-proċess tat-tendering sabiex il-Kunsill ma joħroġx flus. Is-Sindku kompla jgħid li ser isaqsi lir-Sur Joseph Bonnello sabiex jieħu ħsieb it-tender document hu peress li hu espert fl-ambjent u greenery. Il-Kunsillier George Camilleri saqsa jekk l-offerti tat-tender mhumiex ser jiġu approvati fil-Kunsill. Is-SE qatlu li iva dik proċedura tal-Kunsill u spjegatlu l-procurement process. Is-SE saqsiet il-Kunsill għall-approvazzjoni sabiex tkun tista tibda l-proċess tal-procurement. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.5 Ismijiet ta' Żoni u Passaġġi fir-Raba

14.5.1 Is-Sindku qal li irċieva konferma li nistgħu inmexxu bil-proposta li nsemmu ż-żoni u passaġġi fir-raba. Is-Sindku kompla jgħid li ser jagħmel riċerka sabiex jara x'inhi l-istorja ta wara kull żona u x'ismjiet l-aħjar li jingħataw. Il-Kunsillier George Camilleri qal li kieku flok isem jingħata numru għaliex eħfef biex tkun tista ssib dawn il-passaġġi. Is-Sindku qallu li jekk jingħata isem biss tkun qed tintilef parti mill-istorja ta dik iż-żona, pero ippropona li jingħata numru mal-isem. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.6 Rilaxx ta' Miżuri min-Naħa tal-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika Rigward il-Covid-19

14.6.1 Is-SE qalet li peress li minn naħa tal-awtoritatjiet tas-saħħa kien hemm rilaxx ta' miżuri li ġew infurzati ftit tax-xhur ilu, l-uffiċċju amministrattiv ser jerġa jiftaħ u jopera bil-ħijiet tas-soltu. Is-SE kompliet tgħid li għalkemm ser nibdew bl-istess ħinijiet, ser tieħu prekawazjonijiet neċessarji skont kif imħeġġa mill-awtoritatjiet, inkluż l-użu tas-santisers, perspex madwar ir-reception area, użu ta' maskli kemm mir-residenti kif ukoll l-istaff u miżuri ta' sigurta' oħra għall-benefiċċju tal-istaff. Is-SE infurmat ukoll li għalissa għadna ma irċivejniex direttivi mill-Malta Libraries rigward ftuħ tal-librerija. Is-SE qalet ukoll li bagħtet email lil kuntrattur sabiex jibda jinfetaħ għan-normal iċ-Ċentru Interpretattiv tad-Dwejra filwaqt li jittieħdu l-prekawazjonijiet neċċessarji. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.7 Business Plan 2020 - 2025

14.7.1 Is-SE ippreżentat il-verżjoni finali tal-Business Plan 2020 -2025. Il-Kunsill approva unanimament.

## 14.8 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2019

14.8.1 Is-SE ippreżentat ir-rapport finanzjarju 2019 verifikat. Dan wara li kienu saru xi aġġustamenti mill-awdituri u tibdil li għamlet l-accountant.

14.8.2 Ir-rapport ġie approvat mill-Kunsill.

## 14.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

14.9.1 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 14.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fis-18:20 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis, 9 ta' Lulju 2020 fil-16:00.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Noel Formosa<br>Sindku | Sarah Formosa<br>Segretarju Eżekuttiv |